KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fit-12 ta' Novembru 2020 [1]

**Kawża C-400/19**

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**vs**

**L-Ungerija**

"Nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligi – Artikolu 34 TFUE – Organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli – Regolament (UE) Nru 1308/2013 – Liġi nazzjonali li tipprojbixxi prattiki kummerċjali żleali applikati kontra forniturifir-rigward ta' prodotti agrikoli u tal-ikel – Prezzijiet tal-bejgħ ta' prodotti agrikoli u tal-ikel – Marġni ta' profitt ta' bejgħ bl-imnut uniformi li għandu jiġi applikat għal prodotti identiċi"

## I. Introduzzjoni

1. Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li, billi llimitat l-iffisar tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-prodotti agrikoli u tal-ikel, b'mod partikolari fid-dawl tal-Artikolu 3(2)(u) tal-mezőgazdasági és élelmiszeripari termékek vonatkozásában a beszállítókkal szemben alkalmazott tisztességtelen forgalmazói magatartás tilalmáról szóló, 2009. évi XCV. törvény (il-Liġi Nru XCV tal-2009 li tipprojbixxi prattiki kummerċjali żleali applikati kontra forniturifir-rigward ta' prodotti agrikoli u tal-ikel) [2] (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru XCV tal-2009"), l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 34 TFUE u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [3].

2. Dan ir-rikors għalhekk iqajjem mill-ġdid il-kwistjoni sa liema punt u taħt liema kundizzjonijiet l-Istati Membri jistgħu jużaw id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali dwar kompetizzjoni żleali u tal-konsumatur tagħhom sabiex jillimitaw il-mekkaniżmi tal-iffissar tal-prezzijiet sabiex jiffavorixxu l-parti jew partijiet li ġeneralment jitqiesu li jgawdu pożizzjoni ta' nnegozjar inqas vantaġġuża fil-katina tal-provvista tal-ikel. Dawn il-kwistjonijiet kienu diġà enfasizzati fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimonariųgrupė (C-2/18, EU:C:2019:962), u, għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, ikun neċessarju li jiġu eżaminati r-raġunament u l-konklużjonijiet ta' dik id-deċiżjoni f'ċertu dettall.

3. Madankollu, qabel ma nagħmel dan, huwa l-ewwel neċessarju li jiġu stabbiliti t-testi leġiżlattivi u tat-Trattat rilevanti.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Skont il-Kummissjoni, il-Liġi Nru XCV tal-2009 daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010.

3 ĠU 2013, L 347, p. 671, rettifiki fil-ĠU 2014, L 189, p. 261, u fil-ĠU 2020, L 1, p. 5.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea*

4. L-Artikolu 34 TFUE jipprevedi:

"Restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u kull miżura li għandha effett ekwivalenti għandhom ikunu projbiti bejn l-Istati Membri."

5. L-Artikolu 83(5) tar-Regolament Nru 1308/2013 jipprevedi:

"L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu biss id-dispożizzjonijiet nazzjonali addizzjonali dwar prodotti koperti minn standard tal-kummerċjalizzazzjoni tal-Unjoni jekk dawk id-dispożizzjonijiet jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju tal-moviment liberu tal-oġġetti, u soġġett għad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337)]".

### *B. Id-dritt Ungeriż*

6. Skont l-Artikolu 1 tagħha, il-Liġi XCV tal-2009 tikkonċerna "prodotti agrikoli u tal-ikel", li huma ddefiniti fl-Artikolu 2(2) ta' dik il-liġi, b'riferiment għar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel [4].

7. Skont l-Artikolu 2(1) tagħha, il-Liġi XCV tal-2009 tirrigwarda (a) impriżi li jipproduċu, jipproċessaw jew ibigħu mingħajr ma jipproċessaw prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel; u (b) impriżi li jbigħu dawk il-prodotti lill-konsumaturi finali. L-aħħar kategorija tinkludi l-bejjiegħa bl-imnut kollha, irrispettivament mid-daqs tagħhom, u għalhekk tapplika kemm għall-hypermarkets kif ukoll għal ħwienet żgħar li jbigħu prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel.

8. L-Artikolu 3(2) tal-Liġi XCV tal-2009 jipprevedi:

"Dawn li ġejjin huma meqjusa bħala prattika kummerċjali żleali:

[…]

(u) kwalunkwe ffissar diskriminatorju, abbażi tal-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti, tal-prezz li bih prodotti identiċi fil-kompożizzjoni u fil-proprjetajiet organolettiċi jinbiegħu lill-konsumatur finali."

## III. It-talbiet tar-rikors

9. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiddikjara li, billi llimitat l-iffisar tal-prezzijiet tal-bejgħ ta' prodotti agrikoli u ta' prodotti tal-ikel, b'mod partikolari fid-dawl tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi XCV tal-2009, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 34 TFUE u r-Regolament Nru 1308/2013; u

4 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 463, rettifiki fil-ĠU 2014, L 327, p. 9, u fil-ĠU 2016, L 227, p. 5.

– tikkundanna lill-Ungerija għall-ispejjeż.

10. L-Ungerija titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors tal-Kummissjoni bħala infondat; u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

## IV. Ir-rikors

### *A. L-argumenti tal-partijiet*

11. Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tressaq żewġ ilmenti. Hija tallega li, billi llimitat l-iffissar tal-prezzijiet tal-bejgħ ta' prodotti agrikoli u ta' prodotti tal-ikel, b'mod partikolari fid-dawl tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi XCV tal-2009, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, l-ewwel nett taħt ir-Regolament Nru 1308/2013 u t-tieni nett taħt l-Artikolu 34 TFUE.

12. Fir-rigward tar-rikors tagħha taħt ir-Regolament Nru 1308/2013, il-Kummissjoni ssostni li, skont l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009, il-prezzijiet ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti agrikoli u ta' prodotti tal-ikel minn pajjiż partikolari għandhom jinkludu l-istess marġni ta' profitt bħal dak applikat għal prodotti identiċi li ġejjin minn pajjiż ieħor, irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Għaldaqstant, id-dispożizzjoni tipprojbixxi bejjiegħa bl-imnut milli jbigħu, pereżempju, prodotti importati bi prezz u jżidu marġni ta' profitt ta' 5 % jekk joffru fl-istess ħin prodotti domestiċi identiċi bi prezz u jżidu marġni ta' profitt ta' 10 %. L-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 japplika għall-prodotti agrikoli u għall-prodotti tal-ikel kollha u l-kunċett ta' "prodotti identiċi" huwa ddefinit b'riferiment għall-kompożizzjoni u għall-proprjetajiet organolettiċi tal-prodott.

13. Skont il-Kummissjoni, l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009, li fil-prattika jipprojbixxi bejjiegħa bl-imnut milli jbigħu prodotti importati b'marġni ta' profitt differenti minn dak applikat għal prodotti domestiċi, idgħajjef l-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 1308/2013 peress li huwa inkompatibbli ma' prinċipju bażiku ta' dak ir-regolament, jiġifieri, id-determinazzjoni ħielsa tal-prezzijiet tal-bejgħ ta' prodotti agrikoli fuq il-bażi ta' kompetizzjoni ġusta. Il-Kummissjoni tqis li l-marġni ta' profitt huwa parti integrali fl-iffissar tal-prezz bl-imnut.

14. Il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenzi tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Franza (C-197/08, EU:C:2010:111) u Il-Kummissjoni v L-Irlanda (C-221/08, EU:C:2010:113) li tikkunsidra bħala eżempju tal-importanza li tiġi protetta l-libertà ta' operaturi ekonomiċi f'dan il-kamp fejn jiġu ffissati prezzijiet. Dik il-libertà tagħmel possibbli li prodotti importati ġodda jippenetraw suq nazzjonali partikolari permezz ta' prezzijiet bl-imnut attraenti.

15. Fir-rigward tar-rikors tagħha taħt l-Artikolu 34 TFUE, il-Kummissjoni tosserva li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 ma jirreferix għall-karatteristiċi tal-prodotti agrikoli u tal-ikel, iżda biss għall-modalitajiet tal-bejgħ tagħhom, u għalhekk għandu jitqies bħala dispożizzjoni relatata mal-modalitajiet tal-bejgħ fis-sens tas-sentenza tal-24 ta' Novembru 1993, Keck u Mithouard (C-267/91 u C-268/91, EU:C:1993:905). Id-dispożizzjoni inkwistjoni tfalli t-tieni test stabbilit f'dik is-sentenza billi tagħti vantaġġ *de facto* lil prodotti nazzjonali identiċi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jikkostitwixxi restrizzjoni li taffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri skont l-Artikolu 34 TFUE, peress li jagħmel iktar diffiċli li wieħed iqiegħed fis-suq ċerta merkanzija importata minn Stati Membri oħra meta mqabbla ma' prodotti nazzjonali identiċi u għalhekk jiskoraġġixxi d-distribuzzjoni bl-imnut ta' merkanzija bħal din. Il-Kummissjoni tinnota li l-konsumaturi huma naturalment iktar familjari ma' prodotti nazzjonali, li ilhom fis-suq għal iktar żmien, u jippreferuhom minn prodotti li għadhom qegħdin jidħlu fis-suq. Barra minn hekk, ċerti

konsumaturi jħossu li qegħdin jappoġġjaw l-ekonomija nazzjonali billi jixtru prodotti lokali, u f'ċerti Stati Membri hemm kampanji promozzjonali regolari għal dan il-għan, li jieħdu vantaġġ minn dan is-sentiment. Huwa preċiżament għal din ir-raġuni, fost ħafna oħrajn, li operaturi kummerċjali jistgħu jirrikorru għal prattiki kummerċjali differenti, waħda mill-iktar xierqa minnhom tkun dik li jitnaqqas il-prezz ta' ċerti prodotti importati sabiex il-konsumaturi jsiru iktar familjari magħhom iktar malajr.

16. Il-Kummissjoni tqis li dan l-indħil fil-politika ta' ffissar ħieles tal-prezzijiet inkwistjoni huwa mmirat sabiex jipproteġi ċerti operaturi ekonomiċi nazzjonali iktar milli jiddefendi l-interessi tal-konsumaturi kif sostniet l-Ungerija. Sabiex jiġu difiżi l-interessi tal-konsumaturi, ikun suffiċjenti li jkun ipprojbit il-bejgħ bi prezz taħt il-kost. Fil-kawża preżenti, l-intervent mill-Istat imur lil hinn minn projbizzjoni ta' bejgħ bi prezz taħt il-kost u ma jidhirx li jġib benefiċċju għall-konsumatur. Skont il-Kummissjoni, l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jikkostitwixxi diskriminazzjoni arbitrarja *per se* u prattika kontra l-Artikolu 34 TFUE b'tali mod li data statistika differenti, li jista' jkollha t-tendenza li tipprova li l-miżura kkontestata ma hijiex diskriminatorja, hija irrilevanti. Il-Kummissjoni tqis ukoll li t-termini "prodotti identiċi" iqajmu inċertezza u għalhekk ksur tal-Artikolu 34 TFUE. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li ċerti bejjiegħa bl-imnut jistgħu, pereżempju, jindikaw fuq il-prodott ir-razza ta' baqar li jipproduċu ħalib UHT, kif xi wħud diġà jagħmlu għall-prodotti tal-laħam. Minħabba r-regoli nazzjonali inkwistjoni, dawn il-prodotti ma jistgħux jinbiegħu bi prezz ogħla peress li, skont l-Ungerija, l-istess marġni ta' profitt għandu jiġi applikat għall-ħalib UHT kollu b'kontenut ta' xaħam, pereżempju, ta' 2.8 %. Dan jista' jinfluwenza b'mod negattiv il-konsumatur u jaffettwa l-moviment liberu tal-merkanzija.

17. Fir-rigward tal-ġustifikazzjonijiet possibbli għar-regoli nazzjonali inkwistjoni, il-Kummissjoni tinnota li miżura li tikkostitwixxi restrizzjoni skont l-Artikolu 34 TFUE tista' tkun iġġustifikata skont l-Artikolu 36 TFUE jew minħabba raġunijiet imperattivi fl-interess pubbliku. Madankollu, skont il-ġurisprudenza, dispożizzjoni li hija kapaċi tirrestrinġi libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat FUE, bħalma huwa l-moviment liberu tal-merkanzija, tista' tkun iġġustifikata kif suppost biss jekk tkun xierqa sabiex tiġi żgurata l-kisba ta' għan leġittimu u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jinkiseb. Il-Kummissjoni tqis li l-miżura nazzjonali inkwistjoni la hija xierqa u lanqas proporzjonali.

18. Dwar il-kwistjoni tal-adegwatezza tal-miżura, il-Kummissjoni tqis li l-iffissar ta' marġnijiet ta' profitt jibbenefika prinċipalment lill-bejjiegħa bl-imnut iktar milli l-produtturi. Il-Kummissjoni tqis li l-miżura hija sproporzjonata u li żieda fit-trasparenza fis-suq kienet tilħaq l-istess għan mingħajr ma tinfluwenza b'mod negattiv il-libertà tal-iffissar tal-prezzijiet.

19. Kontra dak li ssostni l-Ungerija, il-Kummissjoni ma tqisx li l-prattika kummerċjali li hija s-suġġett tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 hija prattika kummerċjali żleali kif iddefinita mir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar prattiki kummerċjali żleali fil-katina tal-provvista tal-ikel [5]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li, fir-riżoluzzjoni tiegħu, il-Parlament Ewropew ma jinkoraġġixxix l-adozzjoni ta' miżuri, bħalma huma dawk inkwistjoni fil-kawża preżenti, li jipperikolaw il-funzjonament tas-suq intern u jfixklu l-kummerċ.

20. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva l-fatt li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jindaħal b'mod sinjifikattiv fil-libertà tad-distributuri li jistabbilixxu marġnijiet, libertà li ma tistax titqies li hija ekwivalenti għal bejgħ bi prezz taħt il-kost. Il-Kummissjoni taċċetta li huwa possibbli li jiġi limitat il-bejgħ bi prezz taħt il-kost skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sakemm dan ma jwassalx għal diskriminazzjoni arbitrarja. Madankollu, b'kuntrast, l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 għandu effett diskriminatorju fuq prodotti importati u għalhekk ma jistax ikun iġġustifikat.

5 2015/2065(INI) 2018/C 086/05.

21. Il-Kummissjoni tissottometti li, kuntrarjament għat-talbiet tal-Ungerija, l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 ma jidhirx li jwassal li jiġu żgurati prattiki kummerċjali ġusti. Fil-fatt, l-istabbiliment ta' marġnijiet ta' profitt ta' bejgħ bl-imnut ma jiggarantixxix li fornituri jirċievu xi vantaġġ. Għall-kuntrarju, il-benefiċċji potenzjali jakkumulaw għall-bejjiegħa bl-imnut u mhux għall-bdiewa. Fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Kummissjoni tqis li hemm miżuri oħrajn inqas restrittivi li huma kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jiksbu l-għan mixtieq.

22. Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni ma taċċettax l-affermazzjoni tal-Ungerija li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 japplika biss għal prodotti tal-ikel bażiċi li ma jistgħux jiġu distinti minn xulxin permezz tal-kompożizzjoni u tat-togħma. Skont il-Kummissjoni, ma jistax jiġi eskluż li ċerti prodotti "tal-marka" jistgħu jitqiesu identiċi fil-kompożizzjoni u fil-proprjetajiet organolettiċi. Il-Kummissjoni tinnota li l-bejjiegħa bl-imnut huma f'kompetizzjoni ma' xulxin u għalhekk ma huwiex iġġustifikat li tiġi limitata l-kapaċità tagħhom li jistabbilixxu prezzijiet billi jiġi invokat allegat titjib tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-produtturi tal-prodott. L-Ungerija naqset milli turi kif il-limitazzjoni tad-dritt tal-bejjiegħa bl-imnut li jiffissaw il-marġnijiet tagħhom tibbenefika lill-produtturi. Il-bejjiegħ bl-imnut għandu setgħa ta' nnegozjar ferm ikbar minħabba d-daqs u s-saħħa ekonomika tiegħu, u l-iffissar tal-marġnijiet tal-bejgħ bl-imnut ma jaffettwax il-prezz bl-ingrossa bejn il-fornitur u l-bejjiegħ bl-imnut. Il-miżura nazzjonali kkontestata ma toffrix protezzjoni lill-produtturi, iżda fiha restrizzjoni sproporzjonata li fil-prattika tiddiskrimina kontra prodotti importati minn Stati Membri oħrajn.

23. Il-Kummissjoni tqis li r-restrizzjoni inkwistjoni ma tistax tiġi ġġustifikata skont id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari[6]. Hija tinnota li d-Direttiva 2019/633 tidentifika b'mod preċiż 16-il prattika kummerċjali żleali li huma pprojbiti. Għalhekk mhux kull sitwazzjoni li hija preżunta żleali hija pprojbita. Peress li l-miżura kkontestata tapplika b'mod ġenerali ħafna għad-deċiżjonijiet kollha dwar l-iffissar tal-prezz minn bejjiegħ bl-imnut, il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 huwa kontra l-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament Nru 1308/2013 u l-ġurisprudenza rilevanti peress li jaffettwa firxa kbira ta' prodotti agrikoli u tal-ikel meta jillimita l-libertà li jiġu ffissati prezzijiet fil-katina tal-provvista. Fil-punt 20 tas-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2015, Scotch Whisky Association *et* (C-333/14, EU:C:2015:845), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li d-determinazzjoni libera tal-prezzijiet tal-bejgħ abbażi tal-kompetizzjoni libera hija komponent tar-Regolament Nru 1308/2013 u tikkostitwixxi l-espressjoni tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva. Il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 huwa għalhekk inkompatibbli mas-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2015, Scotch Whisky Association *et* (C-333/14, EU:C:2015:845).

24. Il-Kummissjoni tikkunsidra li d-determinazzjoni libera tal-prezzijiet tal-bejgħ għandha wkoll tapplika għal prodotti bħalma huma l-ħalib, id-dqiq, iż-żejt, iz-zokkor, eċċ. Id-Direttiva 2019/633 tenfasizza l-importanza tal-libertà ta' nnegozjar. Il-Kummissjoni tiċħad it-talba tal-Ungerija li l-effetti tal-miżura kkontestata fuq il-moviment liberu tal-merkanzija huma wisq inċerti u indiretti.

25. L-Ungerija tqis li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009, li hija l-unika dispożizzjoni ta' dik il-liġi li ġiet ikkontestata mill-Kummissjoni, huwa kompatibbli mar-Regolament Nru 1308/2013 u ma jikkostiwixxix restrizzjoni li tmur kontra l-Artikolu 34 TFUE.

26. L-Ungerija ssostni li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009, li ġiet adottata seba' snin ilu, ifittex li jiżgura kundizzjonijiet kompetittivi ugwali għal prodotti agrikoli u tal-ikel nazzjonali u għal dawk il-prodotti minn Stati Membri oħra. Għaldaqstant jikkonforma ma' u jsegwi l-għanijiet tad-Direttiva 2019/633 reċentement adottata li tistabbilixxi livell minimu ta' protezzjoni fl-Unjoni kontra prattiki kummerċjali żleali fid-dawl tal-iżbilanċi sinjifikattivi fis-setgħa ta' nnegozjar bejn fornituri u xerrejja ta' prodotti agrikoli u tal-ikel. Id-Direttiva 2019/633 tfittex li tindirizza prattiki

6 ĠU 2019, L 111, p. 59.

żleali li ma jistgħux jiġu indirizzati mil-liġi tal-kompetizzjoni. L-enfasi tad-Direttiva 2019/633 hija fuq il-pożizzjoni dipendenti tal-forniturifil-konfront ta' bejjiegħa bl-imnut iktar milli l-pożizzjoni dominanti tal-bejjiegħa bl-imnut. Id-Direttiva 2019/633 espressament tippermetti lill-Istati Membri li jżommu miżuri relatati ma' prattiki kummerċjali mhux koperti minn dik id-direttiva, sakemm huma kompatibbli mar-regoli dwar il-funzjonament tas-suq intern. Il-Liġi Nru XCV tal-2009 ġiet adottata sabiex tipproteġi l-forniturimill-aġir abbużiv ta' stabbilimenti kbar ta' bejgħ bl-imnut bħalma huma s-supermarkets minħabba l-pożizzjoni ta' vulnerabbiltà ekonomika u dipendenza ta' forniturimeta mqabbla ma' dawk l-istabbilimenti. Id-differenza bejn il-miżura kkontestata u d-Direttiva 2019/633 hija li, filwaqt li l-miżura kkontestata tintervjeni formalment fil-livell tal-bejjiegħ bl-imnut u l-konsumatur, l-effetti tagħha huma prodotti fil-livell tar-relazzjoni bejn il-fornitur u l-bejjiegħ bl-imnut.

27. Skont l-Ungerija, minkejja l-fatt li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jirrestriġi għal livell limitat il-libertà ekonomika ta' bejjiegħa bl-imnut ta' prodotti agrikoli u ikel, dan ma jimpedixxix il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

28. L-Ungerija tiddikjara li l-Liġi Nru XCV tal-2009 tirrestriġi l-prattiki ta' bejjiegħa bl-imnut sabiex tiżgura li l-element rilevanti huwa essenzjalment il-prezz tal-akkwist tal-prodotti miftiehem bejn il-fornitur u l-bejjiegħ bl-imnut u li ma huwiex possibbli li jinżammu spejjeż jew kummissjonijiet oħra sakemm ma jikkorrispondux ma' servizz reali mitlub mill-fornitur. L-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 japplika biss għal firxa limitata ta' prodotti, jiġifieri prodotti li huma "identiċi fil-kompożizzjoni u fil-proprjetajiet organolettiċi". Għaldaqstant dik id-dispożizzjoni tapplika biss għal oġġetti tal-ikel bażiċi li huma omoġenji u ma jistgħux jiġu distinti minn xulxin mill-kompożizzjoni u mit-togħma jew li ma jistgħux jitqiesu bħala prodotti "tal-marka". Il-prodotti inkwistjoni huma tipikament, fost l-oħrajn, ħalib, dqiq, żejt, frott, ħaxix, tjur u zokkor. Barra minn hekk, l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jirrigwarda biss prodotti li huma identiċi fir-rigward tal-karatteristiċi kollha tagħhom. Għaldaqstant, skont l-Ungerija, il-ħalib UHT b'kontenut ta' xaħam ta' 2.8 % ma jistax, pereżempju, jitqies bħala identiku mal-ħalib frisk jew ħalib b'kontenut ta' xaħam differenti. Prodotti li jkun fihom ingredjenti differenti jew li għandhom togħma differenti, bħalma huma l-meraq tal-frott jew iċ-ċikkulata, ma jistgħux jitqiesu bħala identiċi. L-għażla tal-konsumatur fir-rigward tax-xiri ta' prodotti koperti mill-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 hija fil-biċċa l-kbira influwenzata mill-prezz b'tali mod li anki varjazzjoni minima fil-prezz tista' tinfluwenza dik l-għażla. Għaldaqstant huwa partikolarment importanti li jkun hemm kompetizzjoni bbażata fuq il-mertu fir-rigward ta' tali prodotti peress li jikkompetu biss abbażi tal-prezz.

29. L-Ungerija tqis li l-kunċett ta' "prodotti identiċi" ma tax lok għal inċertezza legali matul l-aħħar seba' snin mill-adozzjoni tal-Liġi Nru XCV tal-2009 u li ma hemm l-ebda diffikultà fl-interpretazzjoni ta' dak il-kunċett.

30. Skont l-Ungerija, fil-kummerċ ta' bejgħ bl-imnut, il-massimizzazzjoni tal-profitt tinkiseb bil-ġestjoni effettiva tal-marġnijiet ta' profitt totali. Għaldaqstant, pereżempju, supermarket jistabbilixxi l-prezz ta' bejn 20 u 30 000 prodott differenti b'tali mod li jagħmel profitt *mal-firxa* ta' prodotti mibjugħa. Il-prattika normali f'dan il-kuntest hija li jiġu stabbiliti prezzijiet u marġnijiet ta' profitt baxxi għal ċerta merkanzija sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-klijenti u sabiex jiġi paċut dħul "mitluf" permezz ta' żieda fid-dħul mill-bejgħ bħala riżultat tal-bejgħ ta' merkanzija oħra lill-klijenti. Għalhekk il-bejjiegħa bl-imnut għandhom impatt sinjifikattiv fuq it-tip ta' prodotti li l-konsumaturi jixtru. Bħala riżultat ta' din il-prattika, il-prezz ta' prodott għall-konsumatur finali huwa riflessjoni, mhux primarjament tal-kompetittività tal-prodott, iżda pjuttost tad-deċiżjoni tal-bejjiegħ bl-imnut li jiġġestixxi l-marġni ta' profitt tiegħu fir-rigward tal-portafoll ta' prodotti tiegħu b' mod sħiħ.

31. L-Ungerija tenfasizza l-fatt li, skont l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009, il-fornitur u l-bejjiegħ bl-imnut huma kompletament ħielsa sabiex jinnegozjaw il-*prezz tax-xiri* tal-merkanzija. Madankollu, ir-*relazzjoni* bejn dak il-prezz u l-prezz ta' prodott identiku li ġej minn Stat Membru ieħor ma tistax tinbidel mill-bejjiegħ bl-imnut. Jekk il-fornitur jipproduċi prodotti b'mod iktar effiċjenti, u konsegwentement ibigħ il-prodotti tiegħu lill-bejjiegħ bl-imnut bi prezz ta' provvista iktar

baxx, il-prezz għall-konsumatur ta' dak il-prodott ikun ukoll inqas minn dak ta' prodotti identiċi manifatturati b'mod inqas effiċjenti u mibjugħa bi prezz ta' provvista ogħla. Kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni, il-miżura kkontestata ma tirrestrinġix il-kompetizzjoni fil-prezz iżda pjuttost id-*distorsjoni tal-prezz* ta' ċerti oġġetti bażiċi tal-ikel. Barra minn hekk, il-miżura kkontestata ma tirrestrinġix il-bejgħ tal-prodotti kkonċernati bi prezz promozzjonali speċjali bil-kundizzjoni li l-marġnijiet ta' profitt applikati għall-prodotti tal-oriġini kollha jkunu ugwalizzati f'perijodu ta' sitt xhur. Prezzijiet introduttorji u promozzjonijiet huma permessi fir-rigward tal-bejgħ tal-prodotti kkonċernati. Barra minn hekk, ir-restrizzjoni inkwistjoni ma tapplikax fejn bejjiegħ bl-imnut jieqaf mill-attività tiegħu, ibiddel il-profil tiegħu jew jillikwida prodotti. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda regola li tipprojbixxi r-reklamar tal-oġġetti ta' merkanzija.

32. L-Ungerija ssostni li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 huwa kompatibbli mar-regoli tas-suq intern. Barra minn hekk, filwaqt li l-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 huwa kuntrarju għar-Regolament Nru 1308/2013, hija ma indikat l-ebda dispożizzjoni speċifika ta' dak ir-regolament li ġiet miksura. L-Ungerija tiddikjara li l-miżura kkontestata ma tiffissax il-prezzijiet u la tistabbilixxi prezz ta' riferiment u lanqas prezz minimu. Għalhekk il-libertà tal-operaturi ekonomiċi li jiffissaw il-prezz tax-xiri tinżamm kompletament. Il-miżura kkontestata tiżgura li l-vantaġġ kompetittiv jiġi rifless fil-prezz għall-konsumatur, u b'hekk tippermetti lill-produtturi kollha li jkollhom aċċess ħieles taħt kundizzjonijiet effettivi ta' kompetizzjoni għal suq miftuħ[7]. Fis-sentenzi tagħha tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Franza (C-197/08, EU:C:2010:111), u Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-221/08, EU:C:2010:113), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prezz minimu stabbilit minn Stat Membru huwa kontra d-dritt tal-Unjoni preċiżament peress li jfixkel il-kompetizzjoni billi jipprekludi wħud mill-produtturi jew importaturi milli jieħdu vantaġġ mill-"prezzijiet tal-produzzjoni iktar baxxi" sabiex joffru prezzijiet ta' bejgħ bl-imnut iktar attraenti[8]. Madankollu, il-miżura kkontestata tiżgura li l-vantaġġ tal-prezz li jirriżulta mill-effiċjenza aħjar ta' produtturi jew fornituri jkun rifless fil-prezz tal-prodotti għall-konsumaturi. Il-miżura tiggarantixxi wkoll il-possibbiltà li l-produtturi "jieħdu vantaġġ mill-prezz tal-kost inferjuri"[9]. Wieħed mill-għanijiet tal-politika agrikola komuni huwa li tinżamm kompetizzjoni effettiva fis-swieq għall-prodotti agrikoli[10]. Għaldaqstant, l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 ma huwiex kuntrarju għar-Regolament Nru 1308/2013 jew għall-ġurisprudenza ċċitata mill-Kummissjoni.

33. L-Ungerija tqis li l-Kummissjoni naqset milli tistabbilixxi t-talba tagħha li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jaffettwa, *de facto*, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti domestiċi u dawk minn Stati Membri oħra b'mod differenti[11]. Il-Kummissjoni tipproċedi fuq is-suppożizzjoni li, f'suq nazzjonali, il-konsumaturi, minħabba d-drawwiet u l-preferenzi tagħhom, jiffavorixxu prodotti nazzjonali għal prodotti minn Stati Membri oħra u għalhekk huwa iktar diffiċli għal prodotti importati li jiksbu aċċess għas-suq. L-Ungerija tqis li, filwaqt li s-suppożizzjoni hija ġeneralment fondata tajjeb, ma tapplikax fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel ta' natura omoġenja li huma identiċi f'termini ta' togħma u ta' kompożizzjoni fejn il-prezz jilgħab rwol deċiżiv. L-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jiżgura li l-bejjiegħa bl-imnut, billi jiffissaw il-marġnijiet tagħhom, ma jiffavorixxux prodotti nazzjonali għad-dannu ta' prodotti minn Stati Membri oħra.

34. Skont l-Ungerija, l-iżball fundamentali fir-raġunament tal-Kummissjoni huwa li tfixkel l-interessi ekonomiċi ta' operaturi li jinsabu f'punti differenti fil-katina tal-provvista. Il-Kummissjoni tipproċedi fuq is-suppożizzjoni li l-bejjiegħ bl-imnut jirrappreżenta l-interessi tal-fornitur meta tiddikjara li l-bejjiegħa bl-imnut inaqqsu l-prezz ta' ċerti prodotti importati għad-dannu tal-marġni tagħhom stess sabiex il-konsumaturi jsiru familjari magħhom iktar malajr, biex b'hekk jiġi promoss il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Bħall-operaturi tas-suq l-oħra kollha, il-bejjiegħa bl-imnut ifittxu li jimmassimizzaw

7 Sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Milk Marque u National Farmers' Union (C-137/00, EU:C:2003:429, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

8 Sentenza tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni v L-Irlanda (C-221/08, EU:C:2010:113, punt 40).

9 Sentenza tat-23 ta' Diċembru 2015, Scotch Whisky Association *et* (C-333/14, EU:C:2015:845, punt 21).

10 Sentenza tat-23 ta' Diċembru 2015, Scotch Whisky Association *et* (C-333/14, EU:C:2015:845, punt 23).

11 Ara s-sentenza tal-24 ta' Novembru 1993, Keck u Mithouard (C-267/91 u C-268/91, EU:C:1993:905, punt 16).

il-profitti tagħhom stess. L-għan tal-bejjiegħa bl-imnut, meta jiffissaw il-prezz li bih il-prodotti jiġu offruti lill-konsumaturi, huwa li jbigħu l-firxa sħiħa tagħhom ta' prodotti bl-iktar termini vantaġġużi. Huwa fl-interess tagħhom li japplikaw l-ikbar marġni possibbli. Bejjiegħa bl-imnut iċedu l-profitti tagħhom stess biss għal raġunijiet tattiċi, bit-tama li dak it-telf fil-profitt jibbenefika żieda fil-bejgħ u l-bejgħ ta' prodotti, u b'hekk jippermettu li jintlaħqu marġnijiet ogħla. Il-politika tal-ipprezzar tagħhom għalhekk tapplika għall-firxa kollha tal-prodotti tagħhom u mezz effettiv biex isegwu dik il-politika huwa li jiġbdu klijenti bi prodotti li ma jqumux ħafna. Kuntrarju għat-talba tal-Kummissjoni, ma huwiex il-bejjiegħ bl-imnut iżda l-*fornitur* li għandu interess li jpoġġi l-prodott tiegħu f'suq ġdid. L-interess tal-fornitur jinsab fil-kunsinna tal-prodott tiegħu lill-bejjiegħ bl-imnut bi prezz orħos sabiex ikun kompetittiv fis-suq ta' Stat Membru ieħor. Il-fornitur jista' jagħmel dan liberament u ma hemm xejn li jimpedih milli jagħmel dan taħt kundizzjonijiet kompetittivi f'suq ħieles.

35. L-Ungerija ssostni li l-effett tal-miżura kkontestata huwa li t-tnaqqis fil-prezz mitlub mill-fornitur huwa rifless fil-prezz għall-konsumatur. L-ispejjeż imnaqqsa li jirriżultaw mill-effiċjenza tal-fornitur huma riflessi fil-prezz mitlub minn dak il-fornitur. Il-fornitur "ma għandu l-ebda influwenza fuq il-prezz li bih il-prodott huwa offrut lill-konsumatur, li huwa ddeterminat liberament mill-bejjiegħ bl-imnut" [12].

36. L-ostakoli għall-kummerċ deskritti mill-Kummissjoni ma humiex ir-riżultat tal-miżura kkontestata iżda pjuttost il-konsegwenza tal-prattika kummerċjali li dik il-miżura tfittex li tindirizza. L-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jipprojbixxi espressament diskriminazzjoni bbażata fuq il-pajjiż tal-oriġini fil-kuntest ta' ffissar tal-prezzijiet. Jekk fornitur jimmanifattura prodotti b'mod effiċjenti, b'mod innovattiv u b'kost baxx, u għalhekk ibigħ il-prodotti tiegħu lil bejjiegħ bl-imnut bi prezz baxx tal-fornitur, il-prezz li bih dawk il-prodotti jkunu offruti lill-konsumatur ikun ukoll inqas minn dak ta' prodotti ta' fornituri oħra li jkunu mmanifatturati b'mod inqas effiċjenti u għalhekk jinbiegħu bi prezz ogħla. Oġġetti tal-ikel bażiċi omoġenji għalhekk jikkompetu fis-suq tal-konsumatur fuq il-bażi tal-effettività tal-kost tagħhom, irrispettivament mill-Istat Membru ta' oriġini tagħhom. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma ssostnix il-konklużjoni li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li ma tagħmel ebda distinzjoni fuq il-bażi tal-oriġini tal-oġġetti, li ma hijiex intiża li tirregola l-kummerċ f'oġġetti ma' Stati Membri oħra u li l-effetti restrittivi tagħha fuq il-moviment liberu tal-merkanzija huma wisq inċerti u wisq indiretti, hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni [13].

37. Għaldaqstant l-Ungerija tqis li, fid-dawl tas-sentenza tal-24 ta' Novembru 1993, Keck u Mithouard (C-267/91 u C-268/91, EU:C:1993:905), l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 huwa miżura relatata mal-modalitajiet ta' bejgħ li ma taqax taħt l-Artikolu 34 TFUE.

38. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 TFUE, l-Ungerija tqis li dik il-miżura tista' tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi fl-interess pubbliku, hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan tagħha u hija proporzjonata. L-għan prinċipali tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 huwa li jinħolqu kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ekwi bejn fornituri billi jiġi impost obbligu addizzjonali fuq il-bejjiegħa bl-imnut li ġeneralment ikollhom poter sinjifikattiv fis-suq, u b'hekk tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva. Il-miżura hija limitata għal prodotti tal-ikel omoġenji bażiċi u teħtieġ sempliċement lill-bejjiegħ bl-imnut li ma japplikax marġni ta' profitt differenti għal prodotti identiċi minn Stati Membri differenti. Barra minn hekk, il-kunċett ta' prodott identiku huwa ddefinit b'mod ristrett. Barra minn hekk, il-miżura tapplika bl-istess mod għal prodotti importati u domestiċi.

12 Ara l-punt 51 tad-difiża tal-Ungerija.

13 Sentenza tal-14 ta' Lulju 1994, Peralta (C-379/92, EU:C:1994:296, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39. Fir-rigward tat-talba tal-Kummissjoni relatata mat-trasparenza tas-suq li allegatament hija inqas restrittiva, l-Ungerija ssostni l-fatt li t-trasparenza ma hijiex miżura fiha nnifisha iżda pjuttost għan. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tistax tindika xi miżura inqas restrittiva li kapaċi tilħaq b'mod effettiv l-għan tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009. Barra minn hekk, il-miżura kkontestata ma tpoġġi l-ebda piż addizzjonali jew kost fuq il-bejjiegħ bl-imnut. Il-liġi ma timponi l-ebda approvazzjoni minn qabel, awtorizzazzjoni, notifika sussegwenti jew rekwiżiti amministrattivi oħra. Fir-rigward ta' penali, il-bejjiegħ bl-imnut jista' jimpenja ruħu li jikkonforma mal-miżura minflok jiġi mmultat.

40. Fil-kontroreplika tagħha, l-Ungerija tqis li l-Kummissjoni naqset milli turi kif il-miżura kkontestata taffettwa prodotti importati iktar minn prodotti nazzjonali. Dan huwa partikolarment il-każ minħabba li ma hemm l-ebda limitazzjoni fuq ir-reklamar tal-prodotti inkwistjoni, il-miżura kkontestata ma teliminax kompletament id-dritt tal-bejjiegħ bl-imnut li jiffissa l-prezz, u, barra minn hekk, ma hijiex diskriminatorja.

41. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkunsidrax li l-miżura kkontestata hija modalità ta' bejgħ b'konformità mas-sentenza tal-24 ta' Novembru 1993, Keck u Mithouard (C-267/91 u C-268/91, EU:C:1993:905), u tikkunsidra li hija miżura ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva, l-Ungerija ttenni t-talba tagħha li l-miżura kkontestata hija kemm xierqa kif ukoll proporzjonata fid-dawl tal-għan tal-interess ġenerali tagħha li jiġu żgurati ftehimiet kummerċjali ġusti u tittejjeb il-pożizzjoni tal-produtturi fuq il-katina tal-provvista tal-ikel. F'dan ir-rigward, l-Ungerija tinnota li l-Kummissjoni ma indikatx liema tip ta' miżura jkun l-iktar proporzjonat filwaqt li jikseb l-istess għan. L-Ungerija tqis li r-restrizzjoni tal-libertà tal-bejjiegħa bl-imnut ittejjeb il-kompetizzjoni bejn produtturi peress li l-bejjiegħa bl-imnut ma jistgħux jeliminaw il-vantaġġ kompetittiv ta' produttur billi japplikaw marġni ogħla, biex b'hekk iċaħħdu lill-konsumatur mill-possibbiltà li jibbenefika mill-kompetizzjoni fis-suq tal-produtturi. L-applikazzjoni ta' marġni ogħla għal prodott x'aktarx telimina t-tnaqqis tal-prezz tax-xiri missielet fis-suq tal-produtturi u l-vantaġġ kompetittiv li jirriżulta, bir-riżultat ukoll li l-konsumatur ikollu jħallas iktar għall-prodott. Billi jiffissa l-marġni tal-bejgħ bl-imnut, il-bejjiegħ bl-imnut ikollu wkoll inċentiv, fil-każ ta' prodotti li għalihom il-konsumaturi tagħhom huma ggwidati bil-prezz, li jagħżel prodotti biss fuq il-bażi tal-prezz tax-xiri tagħhom. Dan iżid il-kompetizzjoni fil-livell tal-produttur u l-konsumaturi jibbenefikaw ukoll. Barra minn hekk, bejjiegħa bl-imnut iżommu l-possibbiltà li japplikaw tnaqqis fil-prezz meta jniedu prodotti ġodda u li jużaw għodod tal-kummerċ ibbażati fuq tnaqqis tranżitorju tal-prezz, sakemm il-marġnijiet tal-prezz applikati għall-prodotti jkunu ndaqs fuq perijodu ta' sitt xhur.

42. Fl-aħħar nett, l-Ungerija tqis li prodotti tal-marka ma humiex prodotti omoġenji.

## *B. Analiżi*

### *1. Osservazzjonijiet preliminari*

43. Hija ġurisprudenza stabbilita li, fi proċeduri ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, hija l-Kummissjoni li għandha tipprova l-eżistenza tal-allegat ksur u li tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja l-informazzjoni meħtieġa sabiex tiddetermina jekk il-ksur seħħx, u l-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq xi preżunzjoni għal dan il-għan [14]. Il-kwistjoni ta' jekk Stat Membru naqasx milli jwettaq l-obbligi tiegħu għandha għalhekk tiġi ddeterminata b'riferiment għas-sitwazzjoni prevalenti tal-Istat Membru fi tmiem il-perijodu stabbilit fl-opinjoni motivata [15], jiġifieri, fil-każ ineżami, fid-9 ta' Marzu 2018.

14 Sentenza tad-19 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs Malta (C-376/09, EU:C:2011:320, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

15 Sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni v Ir-Renju Unit (C-669/16, EU:C:2018:844, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44. Fir-rikors preżenti, il-Kummissjoni ssostni li l-leġiżlazzjoni Ungeriża, b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009, tirrestrinġi jew tillimita l-iffissar tal-prezzijiet tal-bejgħ ta' ċerti prodotti agrikoli u tal-ikel fil-livell ta' bejgħ bl-imnut għad-dannu ta' prodotti importati. Il-Kummissjoni ssostni li għalhekk l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt ir-Regolament Nru 1308/2013 [16] u l-Artikolu 34 TFUE. Il-kontestazzjoni bażika tal-Kummissjoni hija li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009, billi jillimita l-libertà tal-bejjiegħa bl-imnut li jiffissaw marġnijiet ta' profitti u għalhekk, min-naħa l-oħra, il-libertà tagħhom li jiffissaw prezzijiet bl-imnut attraenti, ifixkel id-dħul ta' prodotti ġodda minn Stat Membru ieħor fis-suq nazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tqis li l-marġnijiet tal-profitt jifformaw parti integrali tal-prezz ta' bejgħ bl-imnut.

45. Minkejja l-fatt li r-regoli nazzjonali jaffettwaw il-prezz bl-imnut tal-prodotti rilevanti pjuttost milli l-prezz bl-ingrossa tagħhom, l-Ungerija ssostni li dawk ir-regoli, b'mod simili għad-Direttiva 2019/633 [17], huma diretti lejn il-ġlieda kontra ċerti prattiki żleali fir-rigward tal-prodotti rilevanti minn xerrejja/bejjiegħa bl-imnut vis-à-vis fornituri/produtturi – il-parti meqjusa f'pożizzjoni ta' vulnerabbiltà u dipendenza ekonomika. L-Ungerija tqis li r-regoli ma humiex kuntrarji għar-Regolament Nru 1308/2013 jew l-Artikolu 34 TFUE u fi kwalunkwe każ huma ġġustifikati minn raġunijiet imperattivi fl-interess pubbliku. Hija ssostni li l-miżura kkontestata tirrappreżenta metodu razzjonali li bih jintlaħaq dan il-għan u hija proporzjonata.

46. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li r-regoli inkwistjoni ma jiffissawx il-prezzijiet tal-bejgħ għal prodotti agrikoli u tal-ikel bejn il-produttur/fornitur u x-xerrej/bejjiegħ bl-imnut u lanqas ma jispeċifikaw prezzijiet tal-bejgħ minimi jew massimi f'relazzjoni ma' dawk il-prodotti fi kwalunkwe livell ta' kummerċ, inkluż il-livell ta' bejgħ bl-imnut. Barra minn hekk, ir-regoli kkontestati ma humiex speċifikament diretti lejn prattiki antikompetittivi inerenti bħall-bejgħ bi prezz taħt il-kost jew l-esklużjoni ta' kompetituri li ma humiex membri ta' ċerti organizzazzjonijiet tal-kummerċ jew tal-produtturi jew miżuri antikompetittivi simili oħra. Għalhekk huwa importanti li jiġi nnotat li l-produtturi/fornituri u x-xerrejja/bejjiegħa bl-imnut tal-prodotti rilevanti jistgħu jinnegozjaw liberament bejniethom il-prezzijiet tal-prodotti tal-ikel rilevanti.

47. Pjuttost, filwaqt li ċertament ma huwiex evidenti mill-formulazzjoni tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 nnifsu, ma huwiex ikkontestat li l-effett tar-regoli inkwistjoni huwa li l-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut tal-prodotti rilevanti għandhom, fil-prinċipju, jinkludu l-istess marġni ta' profitt irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

48. L-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 għalhekk jipprojbixxi bejjiegħa bl-imnut milli jbigħu, pereżempju, prodotti importati bi prezz miżjud b'5 % marġni ta' profitt jekk, fl-istess ħin, joffru prodotti domestiċi identiċi bi prezz miżjud b'10 %. Il-maqlub huwa minnu wkoll, għalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-leġiżlazzjoni *prima facie* [18] tapplika bla distinzjoni għall-prodotti tal-ikel rilevanti kollha, irrispettivament mill-provenjenza tagħhom.

16 Ir-Regolament Nru 1308/2013 jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq għall-prodotti agrikoli kollha elenkati fl-Anness I għat-Trattati tal-UE u tal-FUE, inklużi l-ħalib u prodotti tal-ħalib. Ara l-Artikolu 1(2)(p) tar-Regolament Nru 1308/2013. Il-bażi legali ta' dak ir-regolament hija b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42 TFUE u l-Artikolu 43(2) TFUE. L-Artikolu 38(1)TFUE jipprevedi li l-Unjoni għandha tiddefinixxi u timplimenta politika komuni tal-agrikoltura u tas-sajd. Dik id-dispożizzjoni tipprevedi wkoll li "[i]s-suq intern jikkomprendi l-agrikoltura u l-kummerċ fi prodotti agrikoli u tas-sajd. 'Prodotti agrikoli' għandhom ifissru l-prodotti ta' l-art, tat-trobbija ta' l-annimali u tas-sajd kif ukoll ta' l-ewwel proċessar konness direttament ma' dawn il-prodotti. Ir-referenzi għall-politika agrikola komuni jew għall-agrikoltura u l-użu tat-terminu 'agrikola', għandhom jinftiehmu bħala li jirriferu wkoll għas-sajd, b'kont meħud tal-karatteristiċi speċifiċi ta' dan is-settur". Ir-regoli speċifiċi dwar dawn il-politiki huma stabbiliti fl-Artikoli 39 sa 44 TFUE. Għaldaqstant, salv kif xorta oħra previst fl-Artikoli 39 sa 44 TFUE, ir-regoli stabbiliti għall-istabbiliment u għall-funzjonament tas-suq intern għandhom japplikaw għall-prodotti agrikoli. Ara l-Artikolu 38(2) TFUE. Il-prodotti suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 39 sa 44 TFUE huma elenkati fl-Anness I għat-Trattati tal-UE u l-FUE. Fir-rikors preżenti, il-Kummissjoni ma allegatx li l-Ungerija kisret l-Artikoli 39 sa 44 TFUE.

17 Għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni fir-rikors preżenti ma allegatx li l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 2019/633. Fil-fatt, kif huwa ċar mill-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2019/633, li jirrikjedi l-Istati Membri li jittrasponu d-direttiva sal-1 ta' Mejju 2021 u japplikaw dawk il-miżuri ta' traspożizzjoni sal-1 ta' Novembru 2021, u mill-Artikolu 14 ta' dik id-direttiva li jipprevedi li tiddħol fis-seħħ fit-30 ta' April 2019 (għalhekk wara l-opinjoni motivata tad-9 ta' Marzu 2018) dik id-direttiva ma hijiex applikabbli *rationae temporis*.

18 *De jure.*

49. Filwaqt li r-rikors preżenti jikkonċerna żewġ ilmenti fir-rigward tar-Regolament Nru 1308/2013 u l-Artikolu 34 TFUE, kif ser jidher, hemm, madankollu, sovrappożizzjoni kunsiderevoli bejn dawn l-ilmenti.

*2. L-ewwel ilment li jallega ksur tar-Regolament Nru 1308/2013*

*a) L-ilment relatat mar-Regolament Nru 1308/2013 sħiħ*

50. Il-Kummissjoni tilmenta li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009, b'mod partikolari, idgħajjef ir-Regolament Nru 1308/2013 peress li dawn ir-regoli nazzjonali dwar prattiki kummerċjali żleali jimpedixxu l-formazzjoni ħielsa tal-prezzijiet. Ninnota li l-Kummissjoni fir-rikors tagħha ma tindika l-ebda dispożizzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi tar-Regolament Nru 1308/2013 bħala tali, iżda pjuttost dak ir-regolament kollu kemm hu. Dan bla dubju huwa dovut għall-mod wiesa' li bih tidher li ġiet abbozzata l-Liġi Nru XCV tal-2009.

51. Il-Kummissjoni sostniet – u l-Ungerija ma ċaħditx – li, skont l-Artikolu 1 tal-Liġi Nru XCV tal-2009, din il-liġi tirrigwarda "prodotti agrikoli u tal-ikel", kif iddefiniti fl-Artikolu 2(2) ta' din il-liġi li min-naħa tagħha tirreferi għar-Regolament Nru 178/2002. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 178/2002 fih definizzjoni ta' "ikel" u jipprovdi li, għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "ikel" (jew "oġġetti tal-ikel") "[i]fisser kull sustanza jew prodott, sew jekk ipproċessat, parzjalment ipproċessat jew mhux ipproċessat, maħsub li jkun, jew raġonevolment mistenni li jittiekel mill-bniedem". Minħabba l-ambitu tar-Regolament Nru 1308/2013 u l-prodotti agrikoli koperti minn dan ir-regolament kif deskritt fl-Artikolu 1 tiegħu, għalhekk jidher li hemm sovrappożizzjoni kunsiderevoli bejn il-prodotti agrikoli suġġetti għar-Regolament Nru 1308/2013 u l-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel suġġetti għal-Liġi Nru XCV tal-2009. L-ambitu tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 nnifsu huwa, madankollu, b'mod ċar limitat mir-rekwiżit li l-prodotti jkunu identiċi fil-kompożizzjoni u fil-proprjetajiet organolettiċi.

52. Minkejja l-fatt li l-ilment tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq ir-Regolament Nru 1308/2013 fl-intier tiegħu u għalhekk jista' jitqies bħala kemxejn wiesa' u impreċiż fil-portata, dan ma jistax jiġi miċħud abbażi ta' din ir-raġuni biss minħabba l-ambitu wiesa' tal-Liġi Nru XCV tal-2009 u, sa ċertu punt, tal-Artikolu 3(2)(u) ta' din il-liġi.

53. Barra minn hekk, filwaqt li l-Kummissjoni ma indikat l-ebda dispożizzjoni speċifika tar-Regolament Nru 1308/2013 li jew tippermetti l-iffissar tal-prezzijiet ta' bejgħ bl-imnut tal-prodotti rilevanti, fuq livell nazzjonali jew tal-Unjoni, jew dispożizzjonijiet li jipprojbixxu li Stati Membri jadottaw miżuri nazzjonali li jiffissaw prezzijiet bħal dawn [19], għandu jitfakkar li hija ġurisprudenza stabbilita li d-determinazzjoni libera tal-prezzijiet tal-bejgħ abbażi tal-kompetizzjoni ġusta hija komponent tar-Regolament Nru 1308/2013 u tikkostitwixxi l-espressjoni tal-prinċipju ta' moviment liberu tal-merkanzija f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva [20].

19 Ara b'analoġija, is-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2015, Scotch Whisky Association *et* (C-333/14, EU:C:2015:845, punt 17).

20 Sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-punti 57 u 59 tas-sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Milk Marque u National Farmers' Union (C-137/00, EU:C:2003:429), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li ż-żamma ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq għal prodotti agrikoli hija wieħed mill-għanijiet tal-politika agrikola komuni u l-organizzazzjoni komuni tas-swieq rilevanti u li organizzazzjonijiet komuni tas-suq huma bbażati fuq il-kunċett ta' suq miftuħ fejn kull produttur għandu aċċess ħieles għalih taħt kundizzjonijiet effettivi ta' kompetizzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet fil-punt 67 ta' dik is-sentenza li fis-settur irregolat mill-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib, l-awtoritajiet nazzjonali fil-prinċipju jżommu l-ġurisdizzjoni li japplikaw il-liġi tal-kompetizzjoni tagħhom fuq kooperattiva ta' produtturi tal-ħalib li kellha pożizzjoni dominanti fis-suq nazzjonali.

54. Liġi nazzjonali li materjalment tipprekludi l-iffissar ħieles ta' prezzijiet kompetittivi għal prodotti agrikoli, għalhekk, tikser rekwiżit ewlieni tar-Regolament Nru 1308/2013 sakemm ma tkunx tista' tiġi oġġettivament iġġustifikata. Kif spjegat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 86 tas-sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Milk Marque u National Farmers' Union (C-137/00, EU:C:2003:429), l-għanijiet tal-organizzazzjoni komuni tas-suq previsti minn dak ir-regolament ma humiex kompromessi minn miżuri nazzjonali li bħala tali "ma jaffettwawx l-iffissar tal-prezzijiet" iżda li pjuttost ifittxu "li jiżguraw it-tħaddim xieraq tal-makkinarju tal-iffissar tal-prezzijiet sabiex jinkisbu livelli ta' prezzijiet li jservu l-interessi kemm tal-produtturi kif ukoll tal-konsumaturi".

55. Il-kuntrarju, ovvjament, huwa minnu wkoll: l-organizzazzjoni komuni tas-suq tista' fil-fatt tiġi kompromessa minn miżuri nazzjonali li jaffettwaw, b'mod mhux iġġustifikat, l-iffissar tal-prezzijiet għal tali prodotti agrikoli.

56. Fil-fehma tiegħi, għalhekk, il-kwistjoni kritika hija jekk l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jaffettwax b'mod mhux iġġustifikat l-iffisar tal-prezzijiet jew, alternattivament, jekk sempliċement jiżgurax il-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmi għall-iffissar tal-prezzijiet.

*b) Assenza ta' armonizzazzjoni eżawrjenti fis-settur relatat mal-ġlieda kontra prattiki kummerċjali żleali fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel – konklużjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019,* Lietuvos Respublikos Seimonarių grupė *(C-2/18, EU:C:2019:962)*

57. Taħt il-politika agrikola komuni, li, skont l-Artikolu 4(2)(d) TFUE, hija kompetenza maqsuma bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom setgħat leġiżlattivi li jippermettulhom, kif jidher mill-Artikolu 2(2) TFUE, li jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom sal-punt fejn l-Unjoni ma tkunx eżerċitat il-kompetenza tagħha [21].

58. Hija ġurisprudenza stabbilita li, fejn ikun hemm regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq f'settur partikolari, l-Istati Membri huma obbligati li ma jadottaw l-ebda miżura li tkun ta' natura li tidderoga minn jew toħloq eċċezzjonijiet għal dan ir-regolament. Ir-regoli li jostakolaw il-funzjonament tajjeb ta' organizzazzjoni komuni tas-swieq huma wkoll inkompatibbli ma' din l-organizzazzjoni komuni, anki jekk l-aspett inkwistjoni ma kienx irregolat b'mod eżawrjenti minn din l-organizzazzjoni [22].

59. Madankollu, l-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni tas-suq ma jipprekludix lill-Istati Membri milli japplikaw regoli nazzjonali li jsegwu għan ta' interess ġenerali *minbarra* dawk koperti minn dik l-organizzazzjoni komuni tas-suq, anki jekk dawn ir-regoli x'aktarx ikollhom effett fuq il-funzjonament tas-suq komuni fis-settur ikkonċernat [23].

60. Il-Kummissjoni ma sostnietx fir-rikors tagħha li l-Unjoni Ewropea eżerċitat il-kompetenza tagħha fis-settur kopert mil-Liġi Nru XCV tal-2009 b'mod eżawrjenti, jiġifieri, prattiki kummerċjali żleali applikati kontra fornituri fir-rigward ta' prodotti agrikoli u tal-ikel.

21 Sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962, punt 28). Fil-punti 26 u 27 tas-sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Panellinios Sindesmos Viomikhanion Metapoiisis Kapnou (C-373/11, EU:C:2013:567), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-possibbiltà għall-Istati Membri li jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom sal-punt fejn l-Unjoni ma tkunx eżerċitat il-kompetenza tagħha kienet partikolarment il-każ mir-riforma tal-politika agrikola komuni, li tinvolvi iktar deċentralizzazzjoni tal-kompetenzi sabiex jittieħed kont iktar taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull Stat Membru jew reġjun u tas-sitwazzjoni tas-suq tal-prodotti diversi u produtturi kkonċernati.

22 Sentenzi tas-26 ta' Mejju 2005, Kuipers (C 283/03, EU:C:2005:314, punt 37), u tat-23 ta' Diċembru 2015, Scotch Whisky Association *et* (C-333/14, EU:C:2015:845, punt 19).

23 Sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-punti 26 sa 28 tas-sentenza Scotch Whisky Association *et* (C-333/14, EU:C:2015:845), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru jista', fil-prinċipju, jiddependi fuq l-għan tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni sabiex jiġġustifika miżura li ddgħajjef is-sistema tal-formazzjoni libera tal-prezzijiet f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva li fuqha huwa bbażat ir-Regolament Nru 1308/2013, bil-kundizzjoni li l-miżura hija xierqa sabiex tikseb il-għan li għandu jintlaħaq, u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan.

61. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat fil-punt 52 tas-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimonarių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962), li l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/633, li daħlet fis-seħħ, skont l-Artikolu 14 tagħha, fit-30 April 2019, tikkonferma l-assenza ta' armonizzazzjoni eżawrjenti fis-settur relatat mal-ġlieda kontra prattiki kummerċjali żleali fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel. Għaldaqstant fiż-żmien meta l-opinjoni motivata ġiet adottata mill-Kummissjoni fil-kawża preżenti, is-setgħa ta' Stat Membru li jadotta regoli għall-ġlieda kontra prattiki kummerċjali żleali fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel ma ġietx imċaħħda b'mod antiċipat, fost l-oħrajn, bir-Regolament Nru 1308/2013.

62. Barra minn hekk, fil-punti 49 u 50 tas-sentenza tagħha tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, fis-sustanza, li – minkejja riferimenti għal ċerti prattiki żleali – ir-Regolament Nru 1308/2013 *ma jirregolax* b'mod eżawrjenti prattiki tal-kummerċ żleali fir-rigward tas-settur tal-ħalib u prodotti tal-ħalib li kien is-suġġett ta' dik il-kawża. Barra minn hekk, fil-punti 53 u 72 ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-fatt, li l-Istati Membri għandhom kompetenza residwa sabiex jadottaw miżuri fil-qasam tal-ġlieda kontra l-prattiki kummerċjali żleali li għandhom bħala effett li jirrestriġu l-proċess ta' negozjar liberu tal-prezzijiet u l-funzjonament tas-suq intern fis-suq ikkonċernat [24].

63. Għandu jiġi nnotat li l-kompetenza residwa tal-Istati Membri sabiex jadottaw miżuri fil-ġlieda ta' prattiki kummerċjali żleali fir-rigward tal-prodotti agrikoli u tal-ikel ma hijiex, madankollu, kompletament ħielsa. Għaldaqstant fil-punti 56 u 73 tas-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimonarių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li r-regoli nazzjonali inkwistjoni għandhom ikunu xierqa sabiex tiġi ggarantita l-kisba tal-għan li għandu jintlaħaq u ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan [25].

*c) Ir-regoli nazzjonali għandhom ikunu xierqa sabiex jiġi żgurat it-twettiq tal-għan segwit u ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan*

64. Ir-regoli nazzjonali inkwistjoni fis-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962), ipprojbixxew lix-xerrej tal-ħalib mhux ipproċessat, li jikkonforma ma' ċerti rekwiżiti ta' kwalità, milli japplika prezz bażiku differenti għal produtturi li jappartjenu għall-istess grupp abbażi tal-kwantità ta' kuljum ta' ħalib mhux ipproċessat mibjugħ, li huwa ta' kompożizzjoni u ta' kwalità identika u huwa kkunsinnat permezz tal-istess metodu. Dawn ir-regoli kellhom l-effett li jiżguraw li x-xerrej joffri prezz bażiku identiku [26] lill-produtturi kollha li huma f'sitwazzjoni paragunabbli bbażata fuq kriterju oġġettiv relatat mal-kwantità ta' ħalib mibjugħ kuljum [27].

24 Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi mqabbla mal-approċċ tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-konklużjonijiet tiegħu fi Lietuvos Respublikos Seimas (C-2/18, EU:C:2019:180). Fil-konklużjonijiet tiegħu, l-Avukat Ġenerali Bobek ikkunsidra li l-Artikolu 148 tar-Regolament Nru 1308/2013 diġà kopra l-kwistjoni tal-protezzjoni kontra prattiki kummerċjali żleali fis-settur tal-ħalib mhux ipproċessat u li l-Istati Membri kienu, fil-fatt, eskluż milli jadottaw leġiżlazzjoni li ssegwi l-istess għanijiet (leġittimi). L-Avukat Ġenerali Bobek ikkunsidra fil-punt 86 li "l-leġiżlatur Ewropew għamel għażla ta' valur ċara: filwaqt li ħa inkunsiderazzjoni l-*istess għanijiet* u wasal biex jirregola l-*istess sitwazzjoni* eżatt fl-*istess stadju* tal-katina tal-produzzjoni. Għal dawn ir-raġunijiet, f'dan il-każ, il-kunflitt bejn ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni u dawk nazzjonali ma huwiex eżempju purament marġinali ta' żewġ sistemi li jikkoinċidu parzjalment, fejn jista' jkun hemm eżami ulterjuri tal-proporzjonalità. Minflok, huwa kunflitt funzjonali fundamentali bejn żewġ modi kif tiġi rregolata eżattament l-istess kwistjoni, li jirrifletti għażliet ta' valur differenti bejn l-istess għanijiet". Filwaqt li nsib ruħi fi qbil rispettuż mal-fehmiet tal-Avukat Ġenerali Bobek, il-Qorti tal-Ġustizzja ma qablitx miegħu b'mod ċar. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nipproponi li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tiġi ttrattata bħala li temmet il-kwistjoni sa fejn għandu x'jaqsam l-ambitu tar-Regolament Nru 1308/2013.

25 Dan l-eżami tal-proporzjonalità għandu jsir b'teħid inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, tal-għanijiet tal-politika agrikola komuni kif ukoll tal-funzjonament tajjeb tal-organizzazzjoni komuni tas-suq, u dan jeżiġi bbilanċjar bejn dawn l-għanijiet u dak segwit permezz tal-imsemmija leġiżlazzjoni, li huwa dak tal-ġlieda kontra l-prattiki kummerċjali żleali. Ara s-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962, punt 57).

26 Ara l-punt 41 tas-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962), li tiddikjara li, filwaqt li l-"prezz bażiku huwa ffissat għall-produtturi kollha tal-istess grupp ikkostitwit skont il-kwantità ta' kuljum ta' ħalib mhux ipproċessat li jinbiegħ […] il-prezz finali li għandu jitħallas jiġi kkalkolat skont żidiet, primjums, tnaqqis jew metodi ta' kunsinna nnegozjati b'mod liberu u individwali f'dan l-istadju".

27 Ara l-punt 59 tas-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962).

65. Huwa ċar li r-regoli nazzjonali inkwistjoni f'dik il-kawża naqqsu ħafna l-kapaċità tax-xerrejja u tal-produtturi li jinnegozjaw liberament il-prezz tax-xiri tal-ħalib mhux ipproċessat. Minkejja din il-limitazzjoni ċara ta' wieħed mill-prinċipji fundamentali li huma l-bażi tar-Regolament Nru 1308/2013, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-regoli inkwistjoni jidhru xierqa sabiex jipprevjenu r-riskju li l-parti li hija kkunsidrata l-iktar parti kontraenti dgħajfa tista' min-naħa l-oħra tiġi mġiegħla li taċċetta tnaqqis fil-prezz mhux iġġustifikat. Għaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-punt 60 tas-sentenza tagħha tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimonarių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962), li, fid-dawl ta' din il-perspettiva, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tkun iġġustifikata bħala mezz fil-ġlieda kontra prattiki kummerċjali żleali potenzjali peress li pprevjeniet diskriminazzjoni fil-prezzijiet bejn il-forniturі skont jekk huma kinux membri ta' organizzazzjoni ta' produtturi tal-ħalib rikonoxxuta partikolari jew le [28].

66. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-regoli nazzjonali, fil-prinċipju, ma marrux lil hinn minn dak li kien neċessarju sabiex jitwettqu l-għanijiet li għandhom jintlaħqu peress li, fost l-oħrajn, il-prezz tax-xiri mħallas lil produttur tal-ħalib mhux ipproċessat speċifiku jista' jiddependi fuq numru ta' fatturi, jiġifieri, il-grupp ta' produtturi li fih huwa organizzat abbażi tal-kwantità ta' ħalib mibjugħ, il-metodi ta' kunsinna tal-ħalib, u l-kompożizzjoni u l-kwalità tal-ħalib [29].

*d) Applikazzjoni tal-ġurisprudenza fil-kawża preżenti*

67. Jidher mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja – u l-Kummissjoni ma sostnietx mod ieħor – li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 ma jindaħalx fin-negozjar liberu tal-prezz tal-prodotti rilevanti bejn il-produttur/fornitur u l-bejjiegħ bl-imnut/xerrej tagħhom.

68. Pjuttost, din id-dispożizzjoni nazzjonali tinvolvi li l-marġni mitlub bl-imnut fuq dak il-prezz huwa, fil-prinċipju, l-istess irrispettivament mill-oriġini tal-prodotti. L-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 għalhekk jiżgura – kif sostnut mill-Ungerija – li l-prezz mitlub lill-konsumaturi jirrifletti essenzjalment il-prezz tax-xiri ta' prodotti miftiehem bejn il-fornitur u l-bejjiegħ bl-imnut, inkluż, naturalment, il-marġni tal-bejjiegħ bl-imnut.

69. Filwaqt li d-dispożizzjoni nazzjonali ma tindaħalx fl-iffissar tal-prezzijiet fil-livell ta' fornitur/bejjiegħ bl-imnut, din tipprekludi l-bejgħ minn bejjiegħ bl-imnut ta' ċerti prodotti "identiċi fil-kompożizzjoni u fil-proprjetajiet organolettiċi" b'marġni inqas skont il-pajjiż tal-oriġini [30] u l-irkupru ta' dak it-tnaqqis fil-prezz fuq firxa ta' prodotti agrikoli u tal-ikel simili oħra.

70. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li kull limitazzjoni fuq il-libertà ta' ffissar ta' marġnijiet ta' bejgħ bl-imnut li għandhom jiġu applikati għal prodotti hija fl-aħħar mill-aħħar limitazzjoni fuq il-libertà tal-iffissar tal-prezz bl-imnut ta' dawk il-prodotti.

71. Madankollu, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet fil-punt 62 tas-sentenza tagħha tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962), li l-leġiżlazzjoni Litwana li kellha l-effett li tiżgura li x-xerrejja joffru "prezz bażiku identiku lill-produtturi kollha li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli fir-rigward ta' kriterju oġġettiv relatat

28 Din il-kwistjoni ta' fatt kienet waħda li finalment kellha tiġi ddeterminata mill-qorti tar-rinviju f'dak il-każ. Wieħed jista' jżid ukoll li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet kapaċi jkollha effetti prokompetittivi billi ppermettiet lil ċerti forniturі aċċess għas-suq fuq l-istess termini bħal dawk ta' forniturі oħra li nzertaw kienu membri ta' organizzazzjoni ta' produtturi tal-ħalib rikonoxxuta. F'dan is-sens, il-leġiżlazzjoni fittxet li tikkontrobatti l-effetti potenzjalment esklużjonarji li n-nuqqas ta' sħubija jkollu u s-setgħa tas-suq *de facto* li mbagħad tista' takkumula lill-membri ta' dik l-organizzazzjoni.

29 Sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962, punt 67). Ara wkoll il-punti 63 sa 69 ta' dik is-sentenza.

30 Għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jagħmel riferiment speċifiku għall-*oriġini* tal-prodotti inkwistjoni. Peress li l-ewwel parti tar-rikors preżenti mill-Kummissjoni rigward ir-Regolament Nru 1308/2013 hija abbozzata f'dak il-kuntest transkonfinali, ser neżamina l-allegat nuqqas tal-Ungerija li tikkonforma mar-Regolament Nru 1308/2013 billi daħħlet fis-seħħ l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 f'dak il-kuntest.

mal-kwantità ta' ħalib mibjugħ kuljum"[31] dehret xierqa għall-ġlieda kontra prattiki żleali potenzjali u għalhekk dehret li ma tiksirx ir-Regolament Nru 1308/2013, għalhekk jekk l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 kellu l-istess effett, dan ukoll jista' jiġi ddikjarat kompatibbli mar-rekwiżiti tar-regolament, sakemm ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet iddikjarati.

72. Iżda l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 għandu dan l-effett? Fil-fehma tiegħi hemm differenzi sottili bejn il-kawża preżenti u ċ-ċirkustanzi tal-leġiżlazzjoni Litwana inkwistjoni fis-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962). L-ewwel nett, il-pożizzjoni ta' dawk il-produtturi tal-ħalib Litwani li ma kinux jappartjenu għal organizzazzjoni ta' produtturi tal-ħalib rikonoxxuta kienet evidentement iktar dgħajfa minn dik tal-produtturi inkwistjoni fil-proċeduri preżenti. Barra minn hekk, dik il-pożizzjoni dgħajfa u l-potenzjal għal aġir antikompetittiv li jeskludi s-suq min-naħa ta' dawk li jipproċessaw il-ħalib kienet ovvjament dokumentata sew.

73. Huwa veru wkoll li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 huwa kunsiderevolment usa' fl-iskop tiegħu mill-korrispettiv Litwan tiegħu relatat mas-settur tal-ħalib inkwistjoni fis-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962), peress li l-leġiżlazzjoni Ungeriża inkwistjoni tapplika għal firxa usa' ta' prodotti agrikoli.

74. Id-differenza kritika, madankollu, hija li l-leġiżlazzjoni Litwana żgurat li produtturi tal-ħalib li ma kinux jappartjenu għal organizzazzjoni ta' produtturi tal-ħalib rikonoxxuta ma kinux kostretti, minħabba inugwaljanza fis-setgħa tan-negozjar, li jaqblu mal-kundizzjonijiet tax-xiri tal-ħalib mhux ipproċessat imposti fuqhom minn dawk li jipproċessaw jew li jaċċettaw prezzijiet baxxi ħafna, filwaqt li produtturi oħra, minkejja li setgħu kienu tal-istess daqs, ibbenefikaw minn prezzijiet ogħla li rriżultaw minn negozjati iktar ibbilanċjati filwaqt li l-leġiżlazzjoni Ungeriża tipprojbixxi l-applikazzjoni ta' marġnijiet differenti – u b'hekk b'estensjoni forma ta' diskriminazzjoni fil-prezz – *ibbażata fuq l-oriġini tal-prodotti*.

75. Fis-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet għalhekk ippreparata li taċċetta l-leġiżlazzjoni Litwana bħala mezz sabiex tiġi miġġielda s-setgħa fis-suq u tiġi msaħħa l-pożizzjoni tal-parti dgħajfa. Dik il-leġiżlazzjoni kienet sa dak il-punt ġeneralment favur il-kompetizzjoni kemm fl-għan kif ukoll fl-effetti tagħha, speċifikament billi tipproteġi r-rotta għas-suq ta' produtturi li ma kinux membri ta' organizzazzjoni ta' produtturi tal-ħalib rikonoxxuta.

76. Dak ir-raġunament partikolari, madankollu, ma japplikax fil-kawża preżenti peress li l-leġiżlazzjoni, fuq il-bażi tal-formulazzjoni tagħha, hija mmirata essenzjalment biex tipprevjeni diskriminazzjoni fil-prezz ibbażata fuq il-provenjenza tal-prodotti pjuttost milli biex ittejjeb il-pożizzjoni tan-negozjar tal-produttur/fornitur. Speċifikament, ma ġiex stabbilit li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jservi sabiex jipproteġi n-natura kompetittiva tas-suq tal-prodotti agrikoli.

77. Fis-seduta orali tat-3 ta' Settembru 2020, ir-rappreżentant tal-Gvern Ungeriż ikkonferma li l-għan tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 kien li jiġu protetti l-produtturi primarji tal-prodotti inkwistjoni, jiġifieri, il-bdiewa. Jekk dan huwa tassew il-każ, mela wieħed iħossu obbligat li josserva li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 ma jidhirx adattat sew u għalhekk xieraq għal dan il-għan. Huwa, wara kollox, b'mod ċar il-marġni tal-bejjiegħ bl-imnut – kif distint mill-marġni tal-produttur – li huwa espressament protett bit-termini tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009.

78. L-operazzjoni prattika tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 lanqas ma hija ħielsa minn diffikultà. Fis-seduta orali, ġew enfasizzati żewġ diffikultajiet partikolari.

31 Ara l-punt 59 tas-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962).

79. L-ewwel nett, filwaqt li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jidher li jassumi li l-prezzijiet ta' ċerti prodotti agrikoli għandhom ikunu l-istess jew tal-inqas simili, jidher li ma ssir l-ebda konċessjoni għar-realtà kontemporanja tas-suq modern li permezz tagħha ċerti entitajiet kummerċjali jiżguraw prezz superjuri – ħafna drabi permezz ta' preżentazzjoni intelliġenti tal-prodott u tal-istrateġiji tar-reklamar – billi attwalment jimmarkaw ċerti tipi ta' konsum bażiċi. Dan huwa hekk anki jekk il-prodott tal-marka huwa għall-finijiet u l-iskopijiet kollha "identiku fil-kompożizzjoni u fil-proprjetajiet organolettiċi [tiegħu]" mal-prodott mhux tal-marka [32].

80. It-tieni nett, ir-rappreżentanti tal-Gvern Ungeriż enfasizzaw li r-regola tal-marġni hija applikata fuq perijodu ta' sitt xhur. Għalhekk, huma sostnew, li bejjiegħ bl-imnut jista' jidħol f'sensiela ta' tnaqqis fil-prezz promozzjonali għal żmien qasir fir-rigward ta' ċerti prodotti bil-kundizzjoni li l-marġni jkun baqa' bejn wieħed u ieħor l-istess fuq medja ta' perijodu ta' sitt xhur.

81. Fil-fehma tiegħi, huwa ċar li restrizzjoni fuq il-kapaċità tal-bejjiegħa bl-imnut li jvarjaw il-marġni fir-rigward ta' prodotti differenti x'aktarx ikollu effett sinjifikattiv fuq il-kummerċjalizzazzjoni ħielsa ta' oġġetti b'mod sinjifikattiv. Wieħed jista' faċilment jipprevedi ċirkustanzi li fihom, pereżempju, oġġett bażiku ta' konsum jinbiegħ bi prezz baxx fl-Ungerija meta mqabbel mal-prezzijiet miġjuba fi Stati Membri ġirien għal dak l-istess prodott. Jekk produttur f'wieħed minn dawk l-Istati Membri ried jidħol fis-suq Ungeriż, dak il-produttur jista' naturalment jixtieq li l-bejjiegħ bl-imnut jaċċetta marġni iktar baxx sabiex il-bejgħ ġenerali tal-prodott il-ġdid ikun jista' jiżdied. Fil-fatt f'ċerti ċirkustanzi jista' jkun ukoll ekonomikament vantaġġuż għall-bejjiegħ bl-imnut Ungeriż li jaċċetta marġni iktar baxx għal dan il-prodott ġdid jekk dan jirriżulta f'domanda tal-konsumatur ikbar għal – u, b'estensjoni, bejgħ ta' – dak il-prodott ġdid, partikolarment fit-tul.

82. Meta esprimejt din il-fehma, ma injorajtx il-fatt li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 huwa newtrali fil-formulazzjoni tiegħu u japplika *de jure* bla distinzjoni kemm għal prodotti domestiċi kif ukoll għal dawk importati. Madankollu jkun inutli li jiġi miċħud li l-mekkaniżmi tal-prezzijiet probabbilment jirrappreżentaw l-iktar metodu effettiv li bih produttur minn Stat Membru ieħor jista' jidħol f'suq domestiku. Kwalunkwe restrizzjoni materjali fuq il-kapaċità tal-bejjiegħa bl-imnut sabiex jiddeterminaw prezzijiet għall-konsumatur differenti għal prodotti differenti skont il-provenjenza tal-prodotti inkwistjoni inevitabbilment tqajjem tħassib serju dwar is-suq intern.

83. Dan it-tħassib ma huwiex imrażżan mill-ambigwità tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009. Id-dritt li wieħed jinvolvi ruħu f'bejgħ promozzjonali ma huwiex espressament previst f'din id-dispożizzjoni u produtturi minn Stati Membri oħra, b'mod partikolari, li jixtiequ li jidħlu fis-suq Ungeriż jistgħu ma jkunux konxji minn dak li jidher li huwa xi ħaġa ta' natura ta' prattika konċessjonarja min-naħa tal-awtoritajiet Ungeriżi f'dak li għandu x'jaqsam mal-bejgħ promozzjonali għal żmien qasir. Fin-natura tal-affarijiet, dan inevitabbilment ikollu impatt iktar qawwi fuq produtturi minn Stati Membri oħra meta mqabbla ma' produtturi domestiċi li huma iktar probabbli li jkunu

32 F'dan ir-rigward, ir-rappreżentanti tal-Gvern Ungeriż iddikjaraw li prodotti tal-marka għandhom proprjetajiet organolettiċi differenti minn prodotti mhux tal-marka u għalhekk huma meqjusa bħala prodotti differenti għall-finijiet tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009. F'dan ir-rigward, dawn ir-rappreżentanti indikaw li prodotti tal-marka huma esperjenzati b'mod differenti mill-konsumatur mill-prodotti mhux tal-marka u li l-ippakkjar ta' prodott tal-marka huwa għalhekk proprjetà organolettika. Fil-fehma tiegħi, din l-ispjegazzjoni tindika b'mod ċar kemm huwa fil-fatt vag l-ambitu tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi XCV tal-2009.

familjari mal-mod li bih il-liġi topera fil-prattika [33]. Fi kwalunkwe każ, produttur minn Stat Membru ieħor b'mod partikolari li jixtieq jidħol f'dak is-suq jista' jkollu bżonn strateġija tal-prezzijiet itwal minn waħda li tiddependi sempliċement fuq metodi ta' pprezzar promozzjonali għal żmien qasir li sempliċement idumu għal ftit jiem jew ġimgħat.

84. F'dan ir-rigward, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-221/08,EU:C:2010:113), hija istruttiva. Dik il-kawża kienet tikkonċerna leġiżlazzjoni Irlandiża dwar it-tabakk li imponiet prezzijiet minimi fir-rigward tal-bejgħ tas-sigaretti. Dik kienet miżura tas-saħħa pubblika li kienet imfassla sabiex tiżgura li ż-żgħażagħ b'mod partikolari ma jiksbux vizzju li jkun ta' ħsara għal saħħithom billi jkunu jistgħu jixtru sigaretti bl-irħis.

85. Fil-punt 40 tas-sentenza tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-221/08, EU:C:2010:113), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni li timponi prezzijiet minimi għal ċerti prodotti għall-konsumatur (hawnhekk, sigaretti) "tista' għalhekk tippreġudika r-relazzjonijiet kompetittivi billi tipprekludi wħud minn dawn il-produtturi jew importaturi milli jieħdu vantaġġ mill-prezzijiet tal-produzzjoni iktar baxxi sabiex joffru prezzijiet ta' bejgħ bl-imnut iktar attraenti". Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet biex tiddeċiedi fil-punt 45 ta' dik is-sentenza li sistema ta' prezzijiet minimi bħal dik kienet illegali billi ppreġudikat "[i]l-vantaġġ kompetittiv li jista' jirriżulta, għal ċerti produtturi jew importaturi ta' prodotti tat-tabakk, minn prezzijiet ta' produzzjoni iktar baxxi."

86. Huwa ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tħassib mill-fatt li obbligu ta' pprezzar minimu impost mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward ta' prodotti għall-konsum bħalma huma s-sigaretti laqat l-essenza stess ta' suq kompetittiv u kellu effetti ta' esklużjoni.

87. Naħseb li huwa diffiċli li ma naqsamx dan it-tħassib fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża preżenti anki jekk is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-221/08, EU:C:2010:113), kienet mogħtija fil-kuntest speċifiku tad-Direttiva tal-Kunsill 95/59/KE tas-27 ta' Novembru 1995 dwar taxxi li mhumiex taxxi fuq il-qliegħ li jaffettwaw il-konsum ta' tabakk manifatturat [34] u, barra minn hekk, it-tnaqqis tal-kompetizzjoni fil-prezzijiet ma huwa xejn daqshekk gravi bħal dak manifestat fil-kawża li wasslet għal dik is-sentenza [35].

88. Il-prinċipju ġenerali rigward l-effetti antikompetittivi tad-dispożizzjonijiet dwar ipprezzar minimu huwa, fil-fehma tiegħi, madankollu applikabbli b'analoġija għall-kawża preżenti. B'mod speċifiku, huwa diffiċli li tiġi evitata l-konklużjoni li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 ma huwiex biss antikompetittiv peress li jipprevjeni l-formazzjoni ħielsa ta' prezzijiet tal-bejgħ abbażi ta' kompetizzjoni ġusta, iżda wkoll *de facto* jiddiskrimina kontra kompetituri ġodda fis-suq tal-ikel u tal-prodotti agrikoli fl-Ungerija għar-raġunijiet kollha msemmija iktar 'il fuq.

33 Hawnhekk ninnota l-kummenti tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha f'Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-456/08, EU:C:2009:679) relatati ma' dispożizzjonijiet ta' liġi domestika li kienu jippermettu lil qorti nazzjonali teżerċita d-diskrezzjoni tagħha li twarrab il-proċeduri dwar kuntratti pubbliċi għar-raġuni li ma kinux tressqu "minnufih"' anki jekk ir-rikors kien tressaq fil-perijodu ta' żmien iffissat mil-liġi. Fil-punt 61 tal-konklużjonijiet tagħha, l-Avukat Ġenerali Kokott ikkonkludiet li din is-sistema diskrezzjonarja kkompromettiet il-prinċipji ta' ċertezza legali li kienu jsostnu d-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi, billi qalet: "[f]ejn il-kuntest ġuridiku nazzjonali jkun deċiż mit-taħlita ta' normi leġiżlattivi u ta' "dritt ġudizzjarju", dan ma jistax ikun b'detriminent taċ-ċarezza u tan-natura definita tan-normi u tar-regoli rispettivi. Dan japplika prinċipalment meta direttiva jkollha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi, u meta sitwazzjoni ġuridika li ma tantx tkun ċara jew li tkun ikkumplikata, b'riferiment għal termini ta' dekadenza eventwali, tista' twassal biex jintilfu ċerti drittijiet, jiġifieri f'dan il-każ, it-telf tad-dritt biex jitressqu proċeduri ta' reviżjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kontraenti. *B'mod speċjali l-offerenti u l-kandidati barranin jistgħu jiġu dissważ̀i milli jieħdu sehem f'sejħiet għal offerti pubbliċi fl-Irlanda minħabba qafas legali kkumplikat u mhux trasparenti*". (enfasi miżjuda minni). Filwaqt li l-kuntest ta' dawn l-osservazzjonijiet kien, naturalment, differenti ħafna minn dak tal-proċeduri preżenti, jista' jkun ikkunsidrat li dawn l-osservazzjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott għandhom riżonanza sa fejn huwa kkonċernat l-impatt probabbli tal-interpretazzjoni tal-Punt 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009.

34 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 283.

35 Huwa ċar mill-punti 43 sa 45 tas-sentenza tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-221/08, EU:C:2010:113), li l-effett tal-leġiżlazzjoni Irlandiża kien li timponi fuq produtturi u fuq importaturi attivi fis-suq Irlandiż prezz minimu ta' bejgħ bl-imnut tas-sigaretti li jikkorrispondi għal 97 % tal-prezz medju differenzjat ipprattikat f'dak is-suq għal kull kategorija ta' sigaretti. Għaldaqstant, dik is-sistema effettivament eliminat differenzi bejn il-prezzijiet ta' prodotti f'kompetizzjoni u kkawżat il-konverġenza ta' dawn il-prezzijiet lejn il-prezz tal-prodott l-iktar għoli.

89. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-marġni tal-bejjiegħ bl-imnut huwa element fundamentali tal-prezz ta' prodott għall-konsumaturi u – skont il-livell ta' dan il-marġni – jista' jkun fattur vitali li jiddetermina l-għażla tal-konsumatur [36].

90. Għaldaqstant, minn dan isegwi li, billi jipprevjeni diskriminazzjoni fil-prezz ibbażata fuq il-provenjenza tal-prodotti inkwistjoni, l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jista' jkollu l-effett li jipprekludi lill-produtturi fi Stati Membri oħra milli jistabbilixxu ruħhom fis-suq domestiku Ungeriż peress li bejjiegħa bl-imnut ta' prodotti importati ma jitħallewx jidħlu f'kompetizzjoni tal-prezz fir-rigward tal-marġni tagħhom stess għal dawn il-prodotti għad-dannu ta' prodotti domestiċi. Tal-inqas f'xi każijiet, huwa ġust li wieħed jassumi li dawn il-prodotti importati jistgħu jiksbu sehem mis-suq biss billi jidħlu f'kompetizzjoni tal-prezz ma' prodotti domestiċi identiċi. Lanqas ma jista' jingħad li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 għandu l-effetti prokompetittivi identifikati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 69 tas-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962), billi jiżgura li produtturi partikolari ma jbatux diskriminazzjoni fil-prezz minħabba l-pożizzjoni ta' nnegozjar iktar dgħajfa tagħhom minħabba n-nuqqas ta' sħubija ma' organizzazzjoni ta' produtturi tal-ħalib rikonoxxuta [37].

91. Għalhekk huwa ċar li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 għandu l-effett li potenzjalment jeskludi kompetizzjoni tal-prezzijiet b'mod materjali li jaffettwa l-kapaċità ta' produtturi fi Stati Membri oħra sabiex jiżguraw li l-prodotti tagħhom jiksbu aċċess fis-suq Ungeriż. Għalhekk, minn dan isegwi li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jippreġudika u jimpedixxi bla bżonn il-funzjonament tajjeb tal-organizzazzjoni komuni tas-suq agrikolu fir-rigward tal-prodotti inkwistjoni.

92. Minn dan isegwi li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009, billi jrażżan il-kompetizzjoni fil-prezzijiet bil-mod kif għadu kif ġie deskritt, imur kontra prinċipju ewlieni li huwa l-bażi tar-Regolament Nru 1308/2013 u l-mod kif dan ir-regolament, kif ukoll il-predeċessuri tiegħu [38], kien konsistentement ġie interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'kawżi bħas-sentenza tas-26 ta' Mejju 2005, Kuipers (C-283/03, EU:C:2005:314).

93. Għaldaqstant nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddikjara li, billi rrestrinġiet l-iffissar tal-prezzijiet għall-bejgħ ta' prodotti agrikoli u tal-ikel, wara li kkunsidrat b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt ir-Regolament Nru 1308/2013.

### *3. It-tieni lment li jallega ksur tal-Artikolu 34 TFUE*

94. Il-moviment liberu tal-merkanzija huwa prinċipju fundamentali tat-Trattat FUE li huwa espress fil-projbizzjoni, stabbilita fl-Artikolu 34 TFUE, ta' restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet bejn l-Istati Membri u kull miżura li għandha effett ekwivalenti. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-projbizzjoni ta' miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva, stabbilita

36 F'dan ir-rigward, marġni ta' bejjiegħ bl-imnut jista' jvarja b'mod wiesa', pereżempju, minn 5 % sa 100 % u forsi anki 200 % mill-prezz tal-produttur.

37 L-ebda abbuż simili jew potenzjali tal-proċess kompetittiv mill-bejjiegħa bl-imnut ma ġie identifikat fil-kawża preżenti bħala ġustifikazzjoni għall-Punt 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009. Anzi: leġiżlazzjoni li għandha l-effett ġenerali li tipprevjeni lill-bejjiegħa bl-imnut milli jnaqqsu l-marġnijiet tagħhom fil-każ ta' prodotti agrikoli sempliċement toħnoq il-proċess kompetittiv ordinarju fir-rigward tas-suq għal dawk il-prodotti. Fih innifsu ma huwiex abbuż għal bejjiegħ bl-imnut li jidħol f'kompetizzjoni tal-prezzijiet b'riferiment għall-provenjenza tal-oġġetti inkwistjoni. Naturalment, ikun differenti jekk il Punt 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 pprova jipprevjeni bejjiegħ bl-imnut milli jisfrutta s-setgħa tas-suq tiegħu billi, pereżempju, jinvolvi ruħu f'diskriminazzjoni fil-prezz għad-dannu ta' produttur li ma kienx membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta. Madankollu, il-Punt 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jifrex ħafna, b'mod ħafna iktar wiesa' minn hekk sal-punt fejn aspett ewlieni tal-mekkaniżmu tal-ipprezzar meħtieġ għall-funzjonament ta' suq kompetittiv għal prodotti bħal dawn huwa essenzjalment diżattivat u mrażżan.

38 Pereżempju, ir-Regolament (KEE) Nru 804/68 tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u prodotti tal-ħalib (ĠU 1968, L 148, p. 13), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1538/95 tad-29 ta' Ġunju 1995 (ĠU 1995, L 148, p. 17).

fl-Artikolu 34 TFUE, tapplika għal-leġiżlazzjoni kollha tal-Istati Membri li tista' tfixkel, direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, il-kummerċ bejn l-Istati Membri[39]. Din il-projbizzjoni ġiet artikolata għall-ewwel darba mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Lulju 1974, Dassonville (8/74, EU:C:1974:82) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Dassonville").

95. L-ambitu wiesa' tal-projbizzjoni stabbilita fis-sentenza Dassonville kien imtaffi fir-rigward ta' modalitajiet ta' bejgħ f'numru ta' kawżi sussegwentement għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Novembru 1993, Keck u Mithouard (C-267/91 u C-268/91, EU:C:1993:905).

96. Sa mis-sentenza tal-24 ta' Novembru 1993 Keck u Mithouard (C-267/91 u C-268/91, EU:C:1993:905), il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement iddeċidiet li l-applikazzjoni fuq prodotti minn Stati Membri oħra ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jirrestriġu jew li jipprojbixxu ċerti modalitajiet ta' bejgħ ma hijiex tali li tfixkel direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, il-kummerċ bejn Stati Membri bil-kundizzjoni li dawk id-dispożizzjonijiet japplikaw għan-negozjanti rilevanti kollha li joperaw fi ħdan it-territorju nazzjonali u bil-kundizzjoni li jaffettwaw bl-istess mod, fil-liġi u fil-fatt, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti domestiċi u ta' dawk minn Stati Membri oħra[40].

97. Bil-kundizzjoni li dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfatti, l-applikazzjoni ta' modalitajiet ta' bejgħ nazzjonali għall-bejgħ ta' prodotti minn Stat Membru ieħor li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti minn dak l-Istat ma hijiex min-natura tagħha li tipprevjeni l-aċċess tagħhom għas-suq jew li timpedixxi l-aċċess iktar milli timpedixxi l-aċċess għal prodotti domestiċi. Għalhekk regoli bħal dawn jaqgħu barra mill-ambitu tal-Artikolu 34 TFUE.

98. Għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni tikkunsidra li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jikkostitwixxi modalità ta' bejgħ fis-sens tas-sentenza tal-24 ta' Novembru 1993, Keck u Mithouard (C-267/91 u C-268/91, EU:C:1993:905). Wieħed jista' biss jaqbel ma' dik l-evalwazzjoni[41].

99. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma ssostnix li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jfixkel *de jure* l-aċċess tal-prodotti inkwistjoni minn Stati Membri oħra fis-suq Ungeriż. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li din id-dispożizzjoni tfalli t-tieni test stabbilit fis-sentenza tal-24 ta' Novembru 1993, Keck u Mithouard (C-267/91 u C-268/91, EU:C:1993:905), peress li tagħti vantaġġ *de facto* lil prodotti nazzjonali identiċi.

100. Il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tal-24 ta' Novembru 1993, Keck u Mithouard (C-267/91 u C-268/91, EU:C:1993:905) – li l-Gvern Ungeriż invoka ħafna fil-kawża preżenti – ġew applikati wkoll mill-Qorti tal-Ġustizzja fi proċeduri ta' ksur oħrajn.

101. Għaldaqstant, pereżempju, fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Ġunju 1995, Il-Kummissjoni v Il-Greċja (C-391/92, EU:C:1995:199), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li liġi Griega li rrestriġiet il-bejgħ ta' ħalib ipproċessat għat-trabi għall-ispiżeriji ma kisritx dak li llum huwa l-Artikolu 34 TFUE. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-liġi sempliċement affettwat modalitajiet ta' bejgħ għal prodotti u kienet

39 Sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Deutsche Parkinson Vereinigung (C-148/15, EU:C:2016:776, punti 20 u 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Sentenza tat-12 ta' Novembru 2015, Visnapuu (C-198/14, EU:C:2015:751, punt 103 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li r-raġuni għalfejn leġiżlazzjoni li timponi ċerti modalitajiet ta' bejgħ taqa' barra mill-ambitu tal-Artikolu 34 TFUE hija li ma hijiex tali li tipprevjeni l-aċċess ta' prodotti importati fis-suq ta' dak l-Istat Membru jew li timpedixxih iktar milli timpedixxi l-aċċess ta' prodotti domestiċi. Sentenza tat-18 ta' Settembru 2003, Morellato (C-416/00, EU:C:2003:475, punt 31).

41 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Awwissu 1995, Belgapom (C-63/94, EU:C:1995:270, punt 13), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi bejgħ li jipproduċi biss marġni ta' profitt baxx ħafna kienet modalità ta' bejgħ. Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat fil-punt 14 ta' dik is-sentenza li d-dispożizzjoni inkwistjoni li kienet "applikabbli, mingħajr distinzjoni għal prodotti, lin-negozjanti kollha fis-settur rilevanti ma taffettwax il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti minn Stati Membri oħra b'mod differenti mill-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti domestiċi". Huwa ċar li dik is-sentenza kienet diretta għal dak li essenzjalment kien bejgħ taħt il-prezz tal-kost. Min-naħa tiegħi, madankollu, naħseb li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 huwa ferm iktar milli sempliċement miżura diretta lejn bejgħ bħal dan peress li jolqot karatteristika ewlenija tal-proċess kompetittiv għal prodotti agrikoli, jiġifieri, il-formazzjoni libera ta' prezzijiet tal-bejgħ.

tapplika bla distinzjoni bl-istess mod għal prodotti domestiċi u importati. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ddeċidiet fil-punt 18 ta' dik is-sentenza li s-sitwazzjoni tista' tkun differenti biss "jekk kien jidher li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni kienet tipproteġi prodotti domestiċi li kienu simili għall-ħalib ipproċessat għat-trabi minn Stati Membri oħra jew li kienu f'kompetizzjoni ma' ħalib ta' dak it-tip".

102. Min-naħa tiegħi, inqis li l-kawża preżenti hija differenti minn dik inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tad-29 ta' Ġunju 1995, Il-Kummissjoni v Il-Greċja (C-391/92, EU:C:1995:199), għar-raġunijiet kollha li diġà semmejt fir-rigward tal-ksur tar-Regolament Nru 1308/2013.

103. Fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jipprekludi d-dħul ta' prodotti agrikoli ġodda minn Stat Membru ieħor fis-suq Ungeriż billi jrażżan il-kompetizzjoni tal-prezzijiet fil-livell ta' bejgħ bl-imnut. Kif indikajt preċedentement, dan it-tqassir tal-proċess kompetittiv x'aktarx li jkun iktar ta' piż fuq produtturi ta' prodotti importati, peress illi huwa permezz ta' kompetizzjoni tal-prezzijiet effettiva biss (inklużi prezzijiet promozzjonali) li tali produtturi jistgħu ġeneralment jittamaw li jidħlu fis-suq Ungeriż għad-dannu ta' prodotti agrikoli nazzjonali tradizzjonali (u iktar magħrufa) familjari għall-konsumatur medju Ungeriż. L-inċertezzi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 fir-rigward tal-prodotti li huma koperti mill-applikazzjoni tiegħu u l-possibbiltà li jitwettaq bejgħ promozzjonali għal żmien qasir li diġà għamilt aċċenn għalih iżidu biss dawn id-diffikultajiet.

104. Anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jikser l-Artikolu 34 TFUE, ikun ukoll neċessarju li jiġi kkunsidrat jekk dan il-ksur jistax ikun iġġustifikat b'riferiment għall-Artikolu 36 TFUE jew għal raġunijiet imperattivi fl-interess pubbliku. Fil-kawża preżenti, l-Ungerija tfittex li tiġġustifika l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 billi ssostni li l-għan tiegħu huwa l-ġlieda kontra prattiki ta' bejgħ żleali minn bejjiegħa bl-imnut għad-dannu tal-produtturi.

105. Min-naħa tiegħi, ma naċċettax li l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009 jista' jiġi ġġustifikat fuq din il-bażi. L-ewwel nett, b'differenza mis-sitwazzjoni li kienet tipprevali fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė (C-2/18, EU:C:2019:962), l-Ungerija naqset milli tipproduċi evidenza ta' prattiki kompetittivi żleali minn bejjiegħa bl-imnut fir-rigward ta' firxa wiesgħa ta' prodotti koperti mill-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009. It-tieni nett, fi kwalunkwe każ, l-Ungerija naqset milli turi b'mod koerenti kif l-iffissar tal-marġnijiet tal-bejjiegħa bl-imnut fil-fatt jipproteġi l-parti allegatament iktar dgħajfa f'negozjati ta' bejgħ, jiġifieri, il-produttur, b'mod partikolari peress li din id-dispożizzjoni ma tipprekludix il-libertà tal-bejjiegħ bl-imnut li jinnegozja prezzijiet, kummissjonijiet, rifużjonijiet, eċċ. mal-produtturi.

106. Nixtieq nenfasizza li ma huwiex abbuż fih innifsu għal bejjiegħ bl-imnut li jidħol f'kompetizzjoni tal-prezzijiet b'riferiment għall-provenjenza tal-oġġetti inkwistjoni.

107. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena tal-fehma li, billi daħħlet fis-seħħ l-Artikolu 3(2)(u) tal-Liġi Nru XCV tal-2009, l-Ungerija naqset milli tikkonforma mal-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 34 TFUE u dan ma jistax jiġi ġġustifikat b'riferiment għal xi allegati raġunijiet imperattivi fl-interess pubbliku.

*4. L-ispejjeż*

108. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li tkun tilfet il-kawża għandha tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż jekk ġew mitluba fil-motivi tal-parti li rebħet il-kawża. Peress li l-Kummissjoni talbet li l-ispejjeż jitħallsu mill-Ungerija u l-Ungerija essenzjalment tilfet il-kawża, għandha tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż tagħha u dawk inkorsi mill-Kummissjoni.

## V. Konklużjoni

109. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi li, billi daħħlet fis-seħħ l-Artikolu 3(2)(u) tal-mezőgazdasági és élelmiszeripari termékek vonatkozásában a beszállítókkal szemben alkalmazott tisztességtelen forgalmazói magatartás tilalmáról szóló, 2009. évi XCV. Törvény (il-Liġi Nru XCV tal-2009 li tipprojbixxi prattiki kummerċjali żleali applikati kontra fornituri fir-rigward ta' prodotti agrikoli u tal-ikel), l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 34 TFUE, flimkien mal-obbligi tagħha taħt ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007.

110. Peress li l-Kummissjoni talbet li l-ispejjeż jitħallsu mill-Ungerija u l-Ungerija essenzjalment tilfet il-kawża, hija għandha tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż tagħha u dawk inkorsi mill-Kummissjoni.